A Solid Waste Management Strategy for the Maltese Islands

*First Update – A Consultation Report*

# Feedback

---

**Kid's Eco Summit – 2009**

Nixtiequ nibdew biex nirringrazzjaw lill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali talli offrielna ċ-ċans li nitkellmu dwar dawn iż-żewġ suġġetti daqshekk importanti għall-ambjent: it-Tibdil fil-Klima u l-Immaniġġjar tal-Iskart. Għalhekk nixtiequ li nwasslulkom ġabra tal-ideat tagħna.

Iddiskutejna ħafna affarijiet u bir-raġun għax dan li qed nitkellmu fuqu sa jaffettwa l-futur tagħna. Id-deċiżjonijiet li tieħdu intom il-kbar illum sa nsibuhom meta nikbru aħna. It-tibdil fil-klima huwa eżempju ċar ta' dan: sa jkollna naraw x'nagħmlu biex nevitaw il-ħsara li għamel ħaddieħor.

Matul dan is-*summit* inqsamna fi gruppi li fihom iddiskutejna dawn it-tliet fatturi li l-iktar iwasslu għal tibdil fil-klima:

(a) **Il-Ġenerazzjoni tal-Enerġija**: ħassejna li bħala pajjiż għandna nippruvaw naraw kif nistgħu nużaw aktar l-enerġija mix-xemx. Imma tajjeb ukoll li nippruvaw nistudjaw kif nistgħu nagħmlu użu tal-baħar li jdawwarna biex nieħdu l-enerġija.

(b) **It-Trasport**: nixtiequ ngħidu lil kull min għandu x'jaqsam mas-servizz tat-trasport pubbliku, li ħafna mill-problemi marbutin mat-trasport jissolvew jekk jitjieb dan is-servizz. Inħossu li l-kwalità tat-toroq tagħna tista' tkun aħjar.

(ċ) **L-Iskart**: hawnhekk ħassejna li sar ħafna xogħol u n-nies qegħdin jifhmu l-bżonn li nikkontrollaw l-iskart. Imma ħassejna li n-nies ma jafux biżżejjed dwar kif jistgħu jnaqqsu l-iskart. Għalhekk tajjeb li nkunu nafu aktar dwar xi jsir mill-iskart meta jinġabar, kif nistgħu nużaw l-iskart għall-enerġija u kif nistgħu nużaw l-iskart organiku.

Fil-gruppi kollha ssemmiet l-importanza ta' kampanji ta' edukazzjoni biex insolvu dawn il-problemi ambjentali. L-edukazzjoni tgħallem lin-nies kif iġibu ruħhom u x'għażliet jagħmlu. Ħafna drabi mhux x'teknoloġija nużaw jgħodd (per eżempju: jekk nużawx bozoz *energy saving*), imma kif inġibu ruħna (per eżempju: li ma naħlux dawl bla bżonn).

Nerġgħu nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadmu biex stajna nsemmgħu leħinna. Imma kultant nibżgħu li tant ikollkom x'tagħmlu li mhux dejjem tisimgħuna biżżejjed. Sa issa dwar it-tibdil fil-klima smajtu minn dak li għednilkom waqt l-EkoSkola Parlament; nixtiequ li tkomplu tagħmlu dan bis-suġġerimenti li qed nagħmlu llum. U tkun ħaġa sabiħa jekk wara li jgħaddu xi xhur naraw fiex inkunu wasalna, bħalma nagħmlu aħna bl-*Action Plans* tagħna ta' EkoSkola.

Grazzi.

Eco Summit.

---

**Alan Buttigieg B.Pharm. Hons.**

Nixtieq li kieku ma kellix ghalfejn qed niktiblek rigward l-ghazla f'Tal-Lewz, bhala l-post ghar- reciklagg tad-demel u l-iskart. Ma nista nahseb fl-ebda raguni valida ghaliex seta intghazel dan il-post, hekk sensitiv u li jaffettwa hazin lill erba irhula: Xewkija, Sannat, Munxar u Tac-Cawla, fir-Rabat.

1. Din l-area hija desinjata bhala 'Intensive Agricultural Zone'; zgur li din ir-Recycling plant ma tistax tikkunsidraha bhala progett agrikolu.
2. Din l-area hija fi "Flood plain" fejn jingema hafna ilma tal-pjan, biss biss hemm 4 Boreholes go dawn l-akwati. Riskju kbir ta' kontaminazjoni ta' l-ilma tal-pjan.
3. Qieghed f'post fil-bidu tal wied ta' Mgarr–ix-Xini, wied li diga huwa protett u jirrikjiedi kull protezjoni: hemm propost Park Nazjonali
4. Il pozizjoni allokata ghal dan il-progett ser thassar bl-ikrah il-veduta li tista titgawda minn fuq  Ta' Cenc lejn ix-xaqliba ta' Ghawdex.
5. F'tal-Lewz insibu hafna raba saqwi li jipprovdi sors ta' income ghal hafna bdiewa mix-Xewjija, Sannat u Munxar. Zgur ma jiehdux gost li titiehdilhom l-art li jahdmu.
6. Dal-Progett, jinsab fl-area fejn hemm ic-Cimiterju ta' Sannat, li jaghti s-servizz ukoll lir-rahal tal-Munxar; ma tantx hu ghaqli li titfa pjant tar-reciklagg tal-iskart u d-demel, tefgha ta' gebla l-boghod minn dan il-post Sagru.
7. Il-Local Plan ihalli skop biex dan il-progett ikun jista' isir f'lokalitajiet ohra, ghalhekk ghandu jinstab sit alternattiv, inqas sensittiv u ma jdejjaq lill-hadd.
8. Nistghu naghmlu suggeriment ghal dan il-ghan biex jinstab sit alternattiv ghal dan il progett

Hawnekk nixtieq nippropni area ta' art biswit is-Sewege Treatment Plant, f'Ras il-Hobz. Din hija art tal-Gvern (diga espropjata) u li diga' hemm progett simili. L-infra-struttura diga' tezisti u tista titthaddem 'in sinergija' mal progett tas-Sewage treatment.

Dan hu post ideali, ghax kif wera l-progett tas-Sewage treatment; ma sab oppozizjoni minn hadd, post imwarrab, mohbi u li ma jurta lill-hadd. F'tal-Lewz dan il-progett ser johloq hafna inkwiet u oppozizjoni ghal xejn.

Nixtieq li dan is-sit jigi kkunsidrat bis-serjeta, ghal punti posittivi li joffri. Jaghmel wisq izjed sens li flok ma tintefa applikazjoni lill-Mepa fuq  'tal-Lewz', biex imbghad ikolla titbiddel, irtirata jew issib hafna oppozizjoni minn kull NGO;  issir applikazzjoni mall-ewwel fuq l-area ta' Ras il-Hobz, bla komplikazjonijiet!!

B’hekk tintwera izjed trasparenza u maturita’ politika.

Nirringjazzjak,

Alan Buttigieg B.Pharm. Hons.

---

Il-lista tal-persuni li ħadmu fuq din l-istrateġija hija pubblika?

Iva il-lista tinsab f’paġna 3 tal-verżjoni online tal-ewwel revizjoni tal-istrateġija tal-immaniġġjar tal-iskart solidu f’pajjiżna.

*Waste strategy committee*